



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.10.2012  
COM(2012) 616 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun 'il fuq mil-limiti tal-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-kontribuzzjonijiet minn dan il-Fond huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>.

Fit-30 ta' Diċembru 2011, l-Italja ressqet l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles sabiex tikseb kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG wara sensji li saru fi ħdan għaxar impriżi li joperaw fid-Diviżjoni 30 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport)<sup>3</sup> fir-reġjun NUTS II Emilia-Romagna (ITH5) fl-Italja.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja previsti f'dan ir-Regolament ġew issodisfati.

### **SOMMARJU U ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONI**

<b>Dejta ewlenija:</b>	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2011/026
Stat Membru	L-Italja
Artikolu 2	b)
Impriżi kkonċernati	10
Reġjun NUTS II	Emilia-Romagna (ITH5)
Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2	30 (Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport)
Perjodu ta' referenza	28.02.2011 – 28.11.2011
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	1.03.2012
Data tal-applikazzjoni	30.12.2011
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	512
Ħaddiema li nġataw is-sensja li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri	502
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	3 932 992
Spejjeż għall-intervent tal-FEG <sup>4</sup> (EUR)	157 000
Spejjeż għall-intervent tal-FEG (%)	3,84
Baġit totali (EUR)	4 089 992
Kontribuzzjoni tal-FEG (65 %) (EUR)	2 658 495

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> B'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

1. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-30 ta' Diċembru 2011 u ssupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sal-10 ta' Settembru 2012.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji għall-intervent tal-EGF stabbiliti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fil-kummerè dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex tintwera r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-Italja indikat li r-reġistrazzjonijiet tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati fl-Ewropa (li jirrappreżentaw id-domanda interna) naqsu ħafna (it-tnaqqis l-aktar sinifikanti kien ta' -42 % għall-motorini u ta' -31 % għall-muturi bejn l-2007 u l-2010)<sup>5</sup>.

**Reġistrazzjoni tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati fl-UE**

	Motorini			Muturi		
	Reġistrazzjonijiet	Meta mqabbel mas-sena ta' qabel	I-2010 imqabbel mal-2007	Reġistrazzjonijiet	Meta mqabbel mas-sena ta' qabel	I-2010 imqabbel mal-2007
2007	901 425		<b>-42 %</b>	1 520 030		<b>-31 %</b>
2008	876 102	-3 %		1 410 020	-7 %	
2009	740 970	-15 %		1 230 043	-13 %	
2010	523 397	-29 %		1 044 129	-15 %	


4. L-Italja enfasizzat li l-produzzjoni ta' vetturi b'żewġ roti motorizzati fl-Ewropa naqset ħafna ukoll minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, b'mod partikolari bejn l-2007 u l-2009. Fuq il-bażi tal-istatistika tal-ACEM<sup>6</sup>, il-produzzjoni tal-produtturi Ewropej ewlenin ta' vetturi b'żewġ roti motorizzati<sup>7</sup> għalhekk naqset b'37 % bejn l-2007 u l-2009 u b'25 % bejn l-2008 u l-2009.

<sup>5</sup> Sors: ACEM (*Association des Constructeurs Européens de Motocycles* - <http://www.acem.eu>) *Registrations and deliveries* - édition 2011.

<sup>6</sup> Sors: ACEM (*Association des Constructeurs Européens de Motocycles* - <http://www.acem.eu>) *Production* - édition 2011


<sup>7</sup> L-Italja, Spanja, Franza, il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, il-Protugall u l-Isvezja.

Produzzjoni tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati għal kull pajjiż<sup>6</sup>



5. L-awtoritajiet Taljani semmew ukoll il-kuntest mhux favorevoli għall-industrija tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati fl-Ewropa minħabba l-impatt dejjem jiżdied tal-produtturi li jinsabu fl-Asja fir-rigward tal-esportazzjoni tar-roti u tal-muturi. Iċ-Ċina b'mod partikolari - bħala l-akbar esportatur dinji tar-roti u tal-muturi b'25 % tal-ishma fis-suq - flimkien mal-Indja li gradwalment qed tilħaq magħha, jirrappreżentaw bħalissa l-produtturi ewlenin fid-dinja (bejn l-2007 u l-2010, is-sehem tal-Indja fis-suq dinji tal-esportazzjonijiet tela' minn 1 % sa 2,70 %). Is-sehem dejjem jiżdied ta' dawn il-pajjiżi jispjega t-tnaqqis globali tal-esportazzjonijiet tar-roti u tal-muturi tal-maġġoranza tal-produtturi Ewropej (għajr il-Ġermanja u Spanja bejn l-2009 u l-2010) li affettwa b'mod partikolari lil Franza u lill-Italja (is-sehem fl-esportazzjonijiet fuq livell dinji ta' din tal-aħħar naqas b'aktar minn 30 % f'10 snin).

Sehem fis-suq tal-esportazzjonijiet (roti u muturi)<sup>8</sup>



<sup>8</sup> Sors: id-dejta disponibbli dwar il-kummerċ tar-roti u l-muturi ġejja mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD).

6. L-Italja ddeskriviet li l-valur tal-esportazzjonijiet tar-roti u tal-muturi naqas b'rata mgħaġġla bejn l-2008 u l-2009 (pereżempju -21,3 % bejn l-2008 u l-2009 għall-UE u -25,9 % għall-Italja)<sup>8</sup>. L-irkupru żgħir tal-esportazzjonijiet fl-2010 naqqas id-differenza bejn il-pajjiżi msejħa avvanzati u emerġenti: tal-ewwel għandhom tendenza li jerġgħu lura b'mod globali lejn il-livell ta' esportazzjoni tagħhom ta' qabel l-2008 (anke jekk għandhom minn taħt b'medja ta' 20 % meta mqabbla mal-2008), u t-tieni qed jiksbu riżultati aħjar minn dawk tal-2008 (iċ-Ċina b'hekk żiedet il-valur tal-esportazzjoni tagħha bejn l-2009 u l-2010 b'32,4 %, l-Indja b'35,8 % filwaqt li, matul l-istess perjodu, l-UE għamlet progress ta' 9,5 % biss).
7. L-Italja (il-produttur ewlieni fl-Ewropa ta' vetturi *b'żewġ roti motorizzati*) uriet li fuq livell nazzjonali, il-produzzjoni ta' muturi u motorini, li għalihom ir-reġjun tal-Emilia-Romagna huwa kontributor importanti (tliet impriżi ta' din l-applikazzjoni jipproduċu muturi bil-marka tagħhom stess: *Morini, Malaguti u Minarelli*), naqset (minn 6 % bejn l-2009 u l-2010). It-tnaqqis l-aktar notevoli jikkonċerna l-produzzjoni totali ta' vetturi *b'żewġ roti motorizzati*, li naqset fl-Italja minn 641 000 vetturi fl-2008 sa 448 100 fl-2010 (-30 %)<sup>9</sup>.
8. L-Italja tfakkar li mill-2006, l-importazzjonijiet tagħha ta' spare parts għall-muturi u l-motorini (bl-għarfien li seba' kumpaniji ta' din l-applikazzjoni huma parti min-netwerk lokali ta' bosta kumpaniji speċjalizzati fil-produzzjoni ta' spare parts jew komponenti għall-industrija ta' vetturi *b'żewġ roti motorizzati*) huma oġġla mill-esportazzjonijiet tagħha (u dan qatt ma kien seħħ matul l-10 snin ta' qabel)<sup>10</sup>.
9. L-awtoritajiet Taljani fl-aħħar semmew li t-tnaqqis kbir ta' reġistrazzjonijiet ta' muturi u motorini fl-Ewropa nħass ukoll fl-Italja (kien hemm tnaqqis ta' 27 % tar-reġistrazzjonijiet ta' muturi u motorini bejn l-2009 u l-2010)<sup>11</sup>.

### **Indikazzjoni tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

10. L-Italja ressqet din l-applikazzjoni taħt il-kriterji ta' intervent previsti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li biex tiġi allokata kontribuzzjoni tal-FEG irid ikun hemm mill-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 freġjun wieħed jew żewġ reġjuni kontigwi fil-livell NUTS II.
11. L-applikazzjoni ssemmi 512-il sensja f'10 impriżi tad-Diviżjoni 30 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport) matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur bejn it-28 ta' Frar 2011 u t-28 ta' Novembru 2011. Minn dawn il-512-il sensja, 63 ġew ikkalkulati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u 449 sensja skont it-tielet inċiż tal-istess paragrafu.
12. Il-Kummissjoni rċeviet il-konferma fid-19 ta' Lulju 2012 li l-persuni magħduda fil-qafas tat-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 inġhataw tassew is-sensja (*esuberi*).

### **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawn is-sensji**

<sup>9</sup> Sors: *Associazione Nazionale Ciclo Motociclo Accessori* (ANCMA) - [www.ancma.it](http://www.ancma.it).

<sup>10</sup> Sors: *ANCMA*.

<sup>11</sup> Sors: *ACEM*.

13. Il-kriżi finanzjarja laqtet is-settur mill-2008 u iffavorixxiet prinċipalment l-akbar produtturi, li minħabba d-daqs tagħhom setgħu jadattaw ruħhom (pereżempju l-kumpanija *Ducati*). L-Italja ssemmi li s-sitwazzjoni kienet differenti ħafna għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju li jipproduċu muturi jew tagħmir<sup>12</sup>, direttament affettwati mit-tnaqqis fid-domanda (reġistrazzjonijiet) ta' muturi mill-2008 u t-tnaqqis f'daqqa tal-produzzjoni mill-2008. Huma ppruvaw jadattaw il-produzzjoni tagħhom biex iżommu is-sehem tagħhom fis-suq (billi pereżempju jipproduċu magni b'erba ċilindri għal *Motori Minarelli*, jew billi jikkollaboraw ma' marki oħrajn għal *Motori Malaguti*). Minkejja l-isforzi tagħhom, l-10 kumpaniji kkonċernati fl-applikazzjoni Taljana kellhom jagħtu s-sensja lil uħud mill-impjegati tagħhom, jew inkella jagħlqu b'mod definittiv fl-2011.

### **Identifikazzjoni tal-impriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-għajnuna**

14. L-applikazzjoni tikkonċerna 512-il sensja li seħħew f'10 impriżi:

Impriżi u għadd ta' persuni li ngħataw is-sensja			
ENGINES ENGINEERING	6	MOTORI MALAGUTI S.P.A.	150
F. FABBRI ACCESSORI	5	MOTORI MINARELLI	19
GALVANOTECNICA & PM	43	PAIOLI COMPONENTS	6
MASIERO ANTONIO	16	PAIOLI MECCANICA	51
CAMBI			
MOTO MORINI S.P.A.	38	VERLICCHI NINO E FIGLI	178
<b>Total tal-intrapriżi: 10</b>		<b>Total ta' sensji: 512</b>	

15. L-Italja infurmat ukoll li tlieta mill-10 impriżi kkonċernati ma kinux għalqu b'mod definittiv u ma kinux taw is-sensja lill-persunal tagħhom kollu (*Engines engineering, Motori Minarelli u F. Fabbri accessori*).
16. Il-512-il persuna li ngħataw is-sensja matul il-perjodu ta' referenza huma eliġibbli għall-miżuri ta' għajnuna skont l-Artikolu 3a(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Mill-512-il ħaddiema li ngħataw is-sensja, il-502 li għadhom ma sabux xogħol ġew identifikati biex jingħataw l-għajnuna.
17. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwal
Irġiel	294	58,6
Nisa	208	41,4
Ċittadini tal-UE	481	95,8
Ċittadini ta' pajjiżi terzi	21	4,2
Bejn 15 u 24 sena	2	0,4
Bejn 25 u 54 sena	416	82,9
Bejn 55 u 64 sena	82	16,3
> 64 sena	2	0,4

18. Ma hemmx ħaddiem li jbati minn problema tas-saħħa fuq żmien twil jew minn diżabbiltà fost il-ħaddiema identifikati.
19. F'termini ta' kategoriji professjonali, it-tqassim huwa kif ġej:

<sup>12</sup> Din l-applikazzjoni tikkonċerna 10 impriżi ta' daqs żgħir u medju li għandhom medja ta' 92 persuna b'minimu ta' sitt ħaddiema u massimu ta' 363 ħaddiema għal kull impriża.

Kategorija	Għadd	Perċentwal
Professjonijiet intermedjarji	11	2,2
Impjegati tat-tip amministrattiv	200	39,8
Operaturi tal-impjanti u tal-magni u ħaddiema li jimmuntaw	291	58,0

20. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-Italja tikkonferma li ġiet applikata, u se tkompli tiġi applikata, politika ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, matul l-istadji varji tal-mobilizzazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess fl-FEG.

### **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u partijiet interessati oħra tiegħu**

21. L-applikazzjoni tikkonċerna r-Reġjun NUTS II tal-Emilia-Romagna, provinċja fil-grigal tal-Italja li fil-1 ta' Jannar 2011 kellha popolazzjoni ta' 4 432 418 ruħ b'densità tal-popolazzjoni ta' 197,49 ruħ f'kull km<sup>2</sup> (kważi daqs il-medja fl-Italja ta' 200 ruħ f'kull km<sup>2</sup>).
22. L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw il-fatt li l-popolazzjoni tal-Emilia-Romagna kienet qed tonqos b'rata aktar mgħaġġla mill-medja fl-Italja (ir-rata ta' żieda naturali hija ħafna aktar baxxa minn dik tal-Italja: -1,3 % meta mqabba ma' -0,4 % f'livell nazzjonali fl-2010<sup>13</sup>).
23. L-Emilia-Romagna hija wkoll reġjun fejn it-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa oġġla mill-medja fl-Italja (l-għadd ta' persuni residenti li għandhom aktar minn 65 sena kien żewġ punti oġġla mill-medja Taljana fl-2011, il-perċentwal tal-persuni bejn 0 u 14-il sena jibqa' 13,3 %, taħt il-livell nazzjonali ta' 14 %)<sup>14</sup>.
24. L-awtoritajiet Taljani ddeskrivew ir-reġjun tal-Emilia-Romagna bħala wieħed li għandu ekonomija vijabbli (il-ġid prodott fl-2009 jikkorrispondi għal 8,7 % tal-PDG Taljan, il-PDG għal kull abitant huwa ta' EUR 30 493, jiġifieri oġġla mill-livell nazzjonali li kienet EUR 25 237 bħala medja)<sup>15</sup> li fil-medja ġiet affettwata aktar mir-reġjuni l-oħra b'mod partikolari mill-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja.
25. L-Italja għalhekk indikat li bejn l-2008 u l-2009, il-PDG għal kull abitant tal-Emilia-Romagna naqas aktar mill-livell nazzjonali bħala medja (-4,89 % mqabbel ma' -3,6 %) u li l-PDG ukoll naqas b'mod aktar qawwi (-3,7 %) meta mqabbel mal-evoluzzjoni nazzjonali (-3 %).
26. L-Emilia-Romagna hija t-tielet reġjun Taljan f'termini ta' esportazzjonijiet u r-raba' għall-importazzjonijiet. Fl-2010 l-esportazzjonijiet tal-Emilia-Romagna lejn il-bqija tad-dinja madankollu naqsu b'10,8 % meta mqabbla mal-2008. Minkejja bilanċ kummerċjali pożittiv bejn l-2008 u l-2010 għall-Emilia-Romagna, is-surplus kummerċjali naqas fl-istess perġodu b'mod sinifikanti b'16,5 %.

<sup>13</sup> Sors: ISTAT (Istitut Nazzjonali tal-Istatisitika tal-Italja) - Tabella 3 fi <http://demo.istat.it/altridati/indicatori/index.html#tabreg>.

<sup>14</sup> Sors: ISTAT - Tabella 6 fi <http://demo.istat.it/altridati/indicatori/index.html#tabreg>.

<sup>15</sup> Sors: Banca d'Italia, Economie regionali, L'economia dell'Emilia-Romagna – 2011: [http://www.bancaditalia.it/pubblicazioni/econo/ecore/2011/analisi\\_s\\_r/1131\\_emilia](http://www.bancaditalia.it/pubblicazioni/econo/ecore/2011/analisi_s_r/1131_emilia).

27. L-Emilia-Romagna batiet ukoll mit-tnaqqis nazzjonali tal-għadd ta' kumpaniji li qegħdin joperaw u mit-tnaqqis tal-għadd ta' ħolqien ta' kumpaniji (80 483 impriżi ġodda inħalqu fl-2008 fl-Italja meta mqabbla ma' 77 443 fl-2011).
28. L-awtoritajiet u l-partijiet interessati ewlenin huma l-Ministeru Taljan tax-Xogħol u tal-Politiki Soċjali (*Ministero del Lavoro e delle Politiche Sociali*), ir-reġjun tal-Emilia-Romagna (*Regione Emilia-Romagna*), l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-muniċipalitajiet Taljani (*ANCI - Associazione Nazionale Comuni Italiani*), l-unjoni tal-provinċji Taljani (*UPI: Unione delle Province d'Italia*), it-taqsimiet lokali tal-konfederazzjonijiet nazzjonali tal-ħaddiema tas-sengħa u tal-impriżi żgħar u medji (*CNA: Confederazione Nazionale dell'Artigianato e della Piccola e Media Impresa Regionale dell'Emilia-Romagna* u *Confartigianato Bologna*), organizzazzjonijiet tal-kooperattivi u tal-impriżi soċjali (*Confcooperative* u *Legacoop Emilia-Romagna*), organizzazzjoni li tirrappreżenta l-impriżi tal-manifattura u tas-servizzi fl-Italja (*Confindustria*), organizzazzjonijiet tal-impjegaturi (*Unindustria Bologna* u *Unionapi*), u trejdjunjins: *CGIL (Confederazione Generale Italiana del Lavoro)*, *CISL (Confederazione Italiana Sindacati dei Lavoratori)*, *FIM (Federazione Italiana Metalmeccanici)*, *FIOM (Federazione Impiegati Operai Metallurgici)*, *UIL (Unione Italiana del Lavoro)* u *UILM (Unione Italiana Lavoratori Metalmeccanici)*.

### **Effetti mistennija tas-sensji fuq l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

29. Is-sensji fis-settur tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati seħħew f'kuntest ta' bidla fl-ekonomija nazzjonali u reġjonali lejn it-twettiq ta' aktar attivitajiet fis-settur terzjarju (l-industrija tal-manifattura issa tirrappreżenta biss 11,6 % tal-impjiegi fir-reġjun). L-awtoritajiet Taljani jenfasizzaw li biex jibqgħu jipproduċu vetturi b'żewġ roti motorizzati, l-impriżi se jkollhom jispeċjalizzaw f'proċessi u komponenti li jiġbru flimkien l-innovazzjoni u ħaddiema speċjalizzati. Huma tal-fehma li ma għadx hemm lok għall-produzzjoni lokali tal-iskuters jew tal-muturi ta' kwalità baxxa jew medja u li l-iżvilupp tal-impriżi speċjalizzati faċċessorji u spare parts ma għadx jista' jsir biss permezz ta' marki storiċi lokali bħal pereżempju *Ducati*.
30. L-awtoritajiet Taljani speċifikaw li s-settur tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati jimpjega madwar 4 000 persuni, mingħajr ma jitqiesu l-industriji tal-manifattura tal-ispare parts u ta' tagħmir li huma relatati magħhom iżda li huma ta' spiss ikklassifikati f'kategoriji oħra differenti min-NACE Reviżjoni 2. L-istima li taw tal-għadd ta' persuni affettwati mill-kriżi f'dan il-qasam hija ta' 1 382 u jistennew li se jkun hemm sensji oħra f'setturi relatati li jimpjegaw eluf ta' persuni<sup>16</sup>.
31. L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw ukoll id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Emilia-Romagna bi tnaqqis tar-rata tal-impjiegi ta' madwar tliet punti bejn l-2008 u l-2010 (minn 70,2 % sa 67,4 %). Ir-rata tal-qgħad - anke jekk din hija fost l-inqas baxxi fl-Italja - żiedet b'mod permanenti fir-reġjun (minn 3,2 % fl-2008 sa 5,8 % fl-2010) u hija partikolarment għolja għaż-żgħażaġħ bejn il-15 u l-24 sena b'żieda ta' aktar minn 11-il punt għal din il-kategorija bejn l-2008 u l-2010 (minn 11 % sa 22,3 %).

<sup>16</sup> L-Italja semmiet b'mod partikolari d-Diviżjonijiet tan-NACE Reviżjoni 2: 24 (Metallurġija), 25 (Manifattura ta' prodotti tal-metal, għajr il-makkinarju u t-tagħmir), 26 (Manifattura ta' prodotti tal-informatika, elettroniċi u ottiċi), 27 (Manifattura ta' tagħmir elettriku), 28 (Manifattura ta' makkinarju u tagħmir mhux imsemmi band'oħra) u 29 (Industrija awtomobilistika).



32. L-Italja tenfasizza fl-aħħar nett li, f'dan il-perjodu ta' kriżi għar-reġjun, l-interventi li jggarantixxu lill-ħaddiema tal-impriżi f'diffikultà dħul li jissostitwixxi s-salarju tiegħu (bħal pereżempju s-CIGS: *Cassa Integrazione Guadagni Straordinaria*) intużaw ħafna (is-siġhat taħt is-CIGS għalhekk ġew immultiplikati b'14 fir-reġjun bejn l-2008 u l-2010).

**Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati, analiżi tal-ispejjeż stmati u l-kumplimentarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

33. Il-miżuri ppreżentati hawn taħt huma proposti u jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati maħsuba biex jippermettu r-riintegrazzjoni professjonali tal-502 ħaddiema kkonċernati. Il-persuni identifikati se jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu l-miżuri li jixtiequ jieħdu sehem fihom b'rispett tas-sekwenza kronoloġika tal-azzjonijiet. Din is-sekwenza hija komposta minn servizzi minimi bażiċi mmirati lejn il-ħaddiema kollha identifikati (bħal ma huma l-orjentazzjoni professjonali, l-ghajjnuna għar-riċerka attiva u t-taħriġ/il-kwalifikazzjoni mill-ġdid) flimkien ma' servizzi speċifiċi mmirati għal ċerti ħaddiema (l-ghajjnuna għall-bidla esterna fl-impjieg u l-promozzjoni tal-intraprenditorija). Ftit mill-ħaddiema identifikati jirċievu wkoll allokkazzjoni (għar-riċerka attiva) jekk jieħdu sehem fil-miżuri proposti.

– Orientazzjoni professjonali:

Din il-miżura tikkonsisti f'serje ta' intervisti strutturati (kollettivi jew individwali) li jgħinu lill-ħaddiem fl-għarfien personali tiegħu sabiex ikun jista' jiddetermina l-interessi, il-kapaċitajiet personali u l-kompetenzi tiegħu li jeħtieġ li jtejjeb u sabiex issir valutazzjoni personali. Dan is-servizz se jiġi propost lill-502 ħaddiema identifikati.

– Għajjnuna għar-riċerka attiva:

Din il-miżura se jkollha l-għan li tiffavorixxi fost il-ħaddiema l-ħolqien ta' strateġija personali ta' awtopromozzjoni bl-użu ta' tekniki operattivi ta' riċerka ta' impjieg (riċerka tal-postijiet ta' xogħol, ttejjija għall-intervista, tfassil ta' *curriculum vitae* u ta' ittri ta' applikazzjoni) fil-kuntest tal-offerta tal-impjiegi lokali, u jekk meħtieġ bl-akkumpanjament tal-ħaddiema sal-intervista. Dan is-servizz se jiġi propost lill-502 ħaddiema identifikati.

– Taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid:

Din il-miżura prevista għal 400 ħaddiem se tikkonsisti f'kupun ta' taħriġ ta' valur medju ta' EUR 4 000, li għandu jintuża strettament fil-qafas tat-taħriġ iddeterminat għal kull ħaddiem (madankollu b'ċerta flessibbiltà fid-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tiegħu fir-rigward tat-taħriġ, l-apprendistati professjonali, l-appoġġ għall-orjentazzjoni professjonali...).

– Għajjnuna għall-bidla esterna fl-impjieg:

Dan l-inċentiv speċifiku se jikkonċerna l-260 ħaddiem li jkunu fl-aġar sitwazzjoni u li jkunu jistgħu jirċievu servizzi ta' għajjnuna għall-bidla esterna fl-impjieg u ta' kollokament minn impriża pubblika jew privata. Jitħallas bonus

ta' EUR 5 000 lill-kumpanija jew lis-servizz li, bl-ghajjnuna tiegħu, il-ħaddiem ikun sab impjeg b'kuntratt indefinit fit-tmien tal-perjodu<sup>17</sup>.

– Promozzjoni tal-intraprenditorija:

Din il-miżura se tikkonsisti f'servizz personalizzat biex jakkumpanja lill-ħaddiema (b'rispett tal-kompetenzi tagħhom u tal-valorizzazzjoni possibbli tal-esperjenza professjonali tagħhom) sabiex jifhmu l-approċċ intraprenditorjali u x-xogħol bħala ħaddiem indipendenti. Din l-attività se tkun f'forma ta' tagħlim fi grupp b'analiżi tar-restrizzjonijiet u l-opportunitajiet tax-xogħol indipendenti u tal-intraprenditorija (madwar il-kunċetti tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, start-up...). L-awtoritajiet Taljani huma tal-opinjoni li dan is-servizz jista' jingħata lil 61 ħaddiem fost dawk identifikati.

– Allokazzjoni għar-riċerka attiva:

Din il-miżura - li se tikkonċerna 216-il ħaddiem mill-ħaddiema identifikati - se titħallas fil-forma ta' allokkazzjoni kull xahar ta' medja ta' EUR 500, f'perjodu massimu ta' ħames xhur, lill-ħaddiema li jieħdu sehem b'mod attiv fil-miżuri tal-FEG, b'mod proporzjonali mal-għadd ta' jiem ta' parteċipazzjoni effettiva fil-miżuri tal-FEG matul ix-xahar. Il-ħlas ta' din l-allokkazzjoni se jkun strettament marbut mal-impenn tal-ħaddiem li jieħu sehem b'mod attiv fil-proċess ta' riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

34. L-ispejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, li huma inklużi fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, ikopru l-attivitajiet ta' tħejjija tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni, ta' monitoraġġ, ta' informazzjoni, ta' reklamar kif ukoll ta' kontroll tal-implimentazzjoni tal-Fondi.
35. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fl-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Taljani jistmaw li n-nefqa totali ta' dawn is-servizzi hija ta' EUR 4 089 992 li minnhom EUR 3 932 992 huma għas-servizzi personalizzati u EUR 157 000 (jiġifieri 3,84 % tal-ammont totali) għall-ispejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG. Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 658 495 (65 % tan-nefqa totali).

<sup>17</sup>

Il-bonus jitħallas biss jekk ma jkunx diġà dovut skont il-leġiżlazzjoni ta' appoġġ tal-politiki reġjonali għall-promozzjoni tal-impjegi.

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema kkonċernati	Nefqa stmata għal kull ħaddiem ikkonċernat (EUR)	Nefqa totali (l-FEG u l- kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
<b>Servizzi personalizzati</b> [l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006]			
Orjentazzjoni professjonali	502	186	93 372
Għajnuna għar-riċerka attiva	502	310	155 620
Taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid	400	4 000	1 600 000
Għajnuna għall-bidla esterna fl-impjieg	260	5 000	1 300 000
Promozzjoni tal-intraprenditorija	61	4 000	244 000
Allokazzjoni għar-riċerka attiva	216	2 500	540 000
<b>Subtotal tas-“Servizzi personalizzati”</b>			<b>3 932 992</b>
<b>Spejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG</b> [it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006]			
Tħejjija			7 000
Monitoraġġ			80 000
Informazzjoni u reklamar			10 000
Attivitajiet ta' kontroll			60 000
<b>Subtotal tal-“Ispejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG”</b>			<b>157 000</b>
<b>Total tan-nefqa stmata</b>			<b>4 089 992</b>
<b>Kontribuzzjoni tal-FEG (65 % tan-nefqa totali)</b>			<b>2 658 495</b>

36. L-Italja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u tigarantixxi n-nuqqas ta' finanzjament doppju. Monitoraġġ kontinwu tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-FSE u l-FEG għal għanijiet jew ħaddiema kkonċernati simili jippermetti li jiġi evitat

kwalunkwe trikkib bejn l-FSE (jew kull strument ieħor tal-UE jew programm) u l-miżuri ffinanzjati mill-FEG.

### **Id-data meta nb dew jew meta huwa maħsub li jinb dew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema kkonċernati**

37. L-Italja bdiet tagħti lill-ħaddiema kkonċernati s-servizzi personalizzati inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost għall-kofinanzjament mill-FEG, fl-1 ta' Marzu 2012. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

### **Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-isħab soċjali**

38. L-applikazzjoni għall-kontribuzzjoni mill-FEG ġiet diskussa mal-awtoritajiet u l-partijiet interessati l-oħra deskritti fil-punt 28 waqt laqgħat li saru fit-12 ta' Ottubru 2011, fl-14 ta' Diċembru 2011 u fis-16 ta' Jannar 2012.
39. L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u f'dik tal-UE li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew issodisfati.

### **Informazzjoni dwar l-azzjonijiet li huma obligatorji skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi**

40. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Taljani fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix l-azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-impriżi bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
  - taw prova li l-miżuri għandhom l-għan li jipprovdu għajjnuna lill-ħaddiema kkonċernati u mhux li jirristrukturaw l-impriżi jew is-setturi ta' attività;
  - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmin hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

### **Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

41. L-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG se tiġi ġestita kif ġej: il-*Ministerio del Lavoro e delle Politiche Sociali – Direzione Generale per le Politiche Attive e Passive del Lavoro* (MLPS – DG PAPL) se jkun l-awtorità ta' ġestjoni, ta' ċertifikazzjoni u ta' verifika (l-MLPS – DG PAPL *Ufficio A* bħala awtorità ta' ġestjoni; l-MLPS – DG PAPL *Ufficio B* bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-MLPS – DG PAPL *Ufficio C* bħala verifika). Ir-reġjuni tal-Emilia-Romagna (*Direzione Generale Cultura Formazione e Lavoro*) se jkun il-korp intermedjarju tal-awtorità ta' ġestjoni.
42. L-awtoritajiet Taljani infurmaw li se jimplementaw is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-FEG adottata mill-Ministeru Taljan tax-Xogħol u tal-Politiki Soċjali (ara d-dokument *prot. 40/0002218* tad-29.09.2011) u l-manwal operattiv għall-awtorità ta' ġestjoni, ta' ċertifikazzjoni u ta' verifika (ara d-dokument *prot. 40/0005840* tas-26.10.2011).

## **Finanzjament**

43. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Italja, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inklużi l-ispejjeż għall-intervent tal-FEG) hija ta' EUR 2 658 495, li tirrappreżenta 65 % tan-nefqa totali. L-għajjnuna proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Italja.
44. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG stabbilita fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-marġni disponibbli għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet, il-Kummissjoni tippromovi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
45. Il-kontribuzzjoni proposta se tħalli aktar minn kwart l-ammont massimu annwali ddestinat għall-FEG disponibbli għall-ħtiġijiet tal-aħħar erba' xhur tas-sena, b'mod konformi mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
46. B'din il-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu prevista fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim, fl-livell politiku xieraq, dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
47. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba għall-awtorizzazzjoni ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2012 iddaħħal l-appropriazzjonijiet għall-impenji speċifiċi, b'mod konformi mal-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

## **Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas**

48. L-ammont tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas imsemmi fil-linja baġitarja 04 05 01 fil-bidu se jintuża kollu wara l-adozzjoni mill-awtorità baġitarja tal-proposti diġà ppreżentati għall-mobilizzazzjoni tal-FEG u għalhekk mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ammont meħtieġ għal din l-applikazzjoni.
49. Pagament ta' EUR 1 160 745 tal-linja baġitarja tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress se jintuża biex ikopri parti tal-ammont meħtieġ għal din l-applikazzjoni.
50. L-ammont addizzjonali ta' EUR 1 497 750 meħtieġ għal din l-applikazzjoni se jkun kopert permezz ta' titjib mitlub mill-Baġit emendatorju Nru 6.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>18</sup>, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>19</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea<sup>20</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Fit-30 ta' Diċembru 2011, l-Italja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG għal sensji f'10 impriżi li joperaw fis-settur tan-NACE Reviżjoni 2 Nru 30 (Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport) fir-reġjun NUTS II Emilia-Romagna (ITH5) fl-Italja, li kkompletat b'informazzjoni addizzjonali sal-10 ta' Settembru 2012. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE)

<sup>18</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>19</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>20</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li timmobilizza ammont ta' EUR 2,658,495.

- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Italja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 658 495 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlas.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*